# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 11/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Ramon Mercieca)

vs

**Joseph Buttigieg**

iben Eddie, imwieled Rabat, Għawdex, fit-30 ta' Awwissu, 1978, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 20478(G)

Illum 13 ta' Lulju, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Jospeh Buttigieg quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli fil-15 ta' Lulju, 2013 għall-ħabta ta' 16.45 hrs ġewwa ċ-Ċirkewwa, L/O Mellieħa:

a. Saq opra tal-bahar li fuqha kien hemm jinġarru aktar persuni jew passiġġieri jew merkanzija mill-ammont li jidher fuq iċ-ċertifikat rilevanti maħruġ mill-Awtorita' u l-Kodiċi ta' Prattika u dan bi ksur tar-Regolament 46 ta' S.L. 499.23 u jew Regolament 45 Tielet Skeda ta' S.L. 499.52.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-8 ta' Jannar, 2014 fejn il-Qorti wara li rat ir-Regolament 46 ta' SL 499.23 u Regolament 45 Tielet Skeda ta' SL 499.52 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati skont l-akkuża dedotta kontra tiegħu u għaldaqstant kkundannatu multa ta' ħames mitt euro (€500).

Rat ir-rikors tal-appellanti Joseph Buttigieg minnu ppreżentat fid-9 ta' Jannar, 2014 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata u għalhekk tillibera lill-appellant mill-imputazzjoni, ħtija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi dan hu appell dwar punti ta' dritt. L-akkuża temergi mir-Regolament 46 tal-*Avviż Legali 284 tal-2002* kif sussegwentement emendat, li jipprovdi illi : *"Bastiment kummerċjali ma jista' fl-ebda ħin iġorr iktar persuni jew passiġġieri jew merkanzija mill-ammont li jidher fuq iċ-ċertifikat rilevanti maħruġ mill-Awtorità skond dawn ir-regolamenti u l-Kodiċi ta' Prattika".*

Jirriżulta li l-opra tal-baħar misjuqa mill-appellant hi bastiment kummerċjali u għalhekk regolata b'dawn ir-regolamenti.

Illi l-ewwel aggravju hu li l-appellant ma jwieġibx għall-akkuża dedotta kontra tiegħu. Iwieġeb għall-ksur ta' dawn ir-regolamenti s-<u>Sid</u> jew <u>Kaptan</u> tal-bastiment. Dan joħroġ mir-regolament 60 (1), u hu kkonfermat ukoll fir-regolament 63 li jgħid li **"***Ir-responsabbiltà għat-tħaris ta' dawn ir-regolamenti u provvedimenti legislattivi oħra taqa' <u>biss fuq is-sid u l-Kaptan tal-bastiment</u>."*

Mic-certifikat esebit mill-prosekuzzjoni ossia dak tar-reġistrazzjoni tal-opra tal-baħar imsemmija, jirriżulta paċifiku li l-appellant m'huwiex is-sid. Is-Sid hu Mario Buttigieg. Hu għalhekk l-imsemmi Mario Buttigieg li jwieġeb għall-ksur tar-regolamenti msemmija.

Lanqas ma kien l-appellant il-Kaptan tal-opra msemmija. Skont ir-regolament 3 tal-istess Avviz Legali, *"Kaptan" tfisser il-Kaptan jew persuna oħra* ***<u>barra l-bdot</u>*** *jew l-għassies, li jkollha l-kmand, kariġa jew ġestjoni ta' bastiment f'dak il-waqt.*

L-appellant kien biss il-bdot tal-opra tal-bahar, u għalhekk hu eskluż mill-osservanza tar-regolament li dwaru nstab ħati – iwieġeb invece s-Sid jew il-Kaptan.

It-tieni aggravju hu li l-proċedura partikolari kontemplata fil-liġi ma ġietx segwita. Mhux kull ksur tar-regolamenti jagħti lok għal proċeduri penali. Hemm sanzjonijiet ta' natura amministrattiva, oħrajn ta' natura penali. Fil-każ odjern, hemm il-proċedura segwenti li kellha bilfors tiġi segwita, naxxenti mir-Regolament 60 li jaqra hekk :

"60 (1) Jekk **<u>sid jew Kaptan ta' bastiment</u>** jonqos milli jħares il-ħtiġijiet ta' dawn ir-regolamenti jew id-direttivi mogħtija mill-Awtorità jew il-pattijiet u l-kondizjonijiet tal-liċenża, l-Awtorità għandha tagħti lil dik il-persuna avviż bid-deskrizzjoni ġenerali tar-reat u tista':

(*a*) tissospendi jew tirrevoka il-liċenża jew ċertifikat ta' dak il-bastiment u tista' titlob li s-sid ineħħi dak il-bastiment fiż-żmien u f'post li jidrilha u jekk is-sid ma jobdihx, l-Awtorità tista' tordna t-tneħħija tal-bastiment b'riskju u bi spiża tas-sid;

(*b*) timponi piena ta' mhux aktar minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għal kull reat u li għandha titħallas lill-Awtorità fiż-żmien stipulat fl-avviż, li qatt ma għandha tkun inqas minn sebat ijiem, **<u>jew fil-każijiet fejn piena imposta taħt dan ir-regolament ma tkunx tħallset fiż-żmien stipulat, jistgħu jittieħdu l-proċedimenti tas-soltu għar-reat skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.</u>**

(2) Is-sospensjoni jew ir-revoka tal-liċenża jew taċ-ċertifikat jew il-ħlas ta' piena ordnata taħt dan ir-regolament għandhom għal kull fini tal-liġi, jitqiesu bħala ammissjoni tal-għemil tar-reat, **<u>u ma tista' tittieħed l-ebda azzjoni oħra għal dak ir-reat.</u>**

Mela dak li jemerġi minn dan ir-regolament, il-proċedura li trid tiġi tassattivament segwita hi din:

a) Dwar ksur tar-regolamenti in kwistjoni, <u>ma jistgħux jinbdew proceduri penali mill-ewwel</u>. L-Awtorita` dwar it-Trasport f'Malta trid <u>l-ewwel</u> tagħti lil dik il-persuna avviż fejn tgħarrfu bil-ksur tar-regolamenti;
b) L-Awtorita` tista' tissospendi l-liċenżja tal-bastiment, u/jew timponi multa amministrattiva għal dan il-ksur
c) **<u>Jekk din il-multa ma titħallasx mill-*contravenor* fiż-żmien li ssemmi' l-liġi, hu hemmhekk, u hemmhekk biss, li jistgħu jinbdew il-proċeduri kriminali.</u>**

d) **<u>Jekk din il-multa fil-fatt titħallas, ma jistgħux jittieħdu proċeduri kriminali kontra min ikun kiser ir-regolament</u>**

Patrick Pollacco, rappreżentant tal-Awtorita` dwar it-Trasport f'Malta, xehed illi hu jsegwi din il-proċedura b'mod skrupoluż. Fil-każ odjern iżda ma ġarax hekk, għaliex billi l-appellant kien twaqqaf minn Pulizija li evidentement ma kienx jaf b'din il-proċedura, l-Pulizija qabdet u ħarġet l-akkużi flok ma ġiet segwita l-proċedura stabbilita fil-liġi.

Illi għalhekk il-proċeduri odjerni mhux talli ma setgħu qatt jiġu diretti kontra l-appellant għar-raġunijiet fuq imsemmija, talli saħansitra lanqas biss setgħu jinbdew, billi l-Awtorita` għadha sal-lum lanqas bdiet il-proċedura tassattiva meħtieġa fil-liġi.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi din il-kawża hija sommarja u peress li x-xhieda ma kinitx rekordjata u traskritta, din il-Qorti kellha terġa tisma' x-xhud Patrick Pollacco li huwa Enforcement Manager fi sezzjoni Marittima fi ħdan Transport Malta.

Illi mill-affidavits preżentati minn PC 370 jirriżulta li d-dgħajsa li kien qiegħed jsuq Joseph Buttigieg kienet mgħobbija żżejjed u cioe' jekk il-limitu stabbilit u permess biċ-ċertifikat, kien ta' tnejn u għoxrin (22) ruħ il-Pulizija waqt li kienu nieżlin il-passiġieri rnexxilu jgħodd tlieta u tletin (33) ruħ.Wieħed u għoxrin nieżlu minn fuq id-dgħajsa filwaqt li kien għad baqa' tnax(12) -il persuna oħra li ma niżlux.

Illi mix-xhieda tas-Sur Pollacco jirriżulta li  meta dgħajsa titwaqqaf mill-Pulizija minħabba li hija mgħobbija oltre dak li huwa konċess miċ-ċertifikat maħruġ minn Transport Malta, dawn joħorġu l-akkużi u jħarrku l-persuna sabiex tidher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Illi filwaqt illi jekk dan jitwaqqaf għall-istess raġuni minn uffiċjali ta' Transport Malta l-proċedura hija kompletament differenti. Infatti l-proċedura hija li jibgħatu korrispondenza lil min ikun qiegħed jikser ir-regolamenti u jekk iħallas il-multa, l-każ jieqaf hemm u jekk le jismagħha t-Tribunal.

Illi miċ-ċertifikat esebit quddiem il-Qorti tal-Maġistrati a folio 10 jirriżulta kemm l-ammont li jista' jġorr bħala nies li huwa ta' 22 ( tnejn u għoxrin) ruħ u kif ukoll li d-dgħajsa 'MARIA REGINA" għandha bħala sid reġistrat lil Mario Buttigieg u mhux l-appellant.

L-ewwel aggravju li jsemmi l-appellant huwa rigward il-fatt li hu m'huwiex is-sid reġistrat tad-dgħajsa kif infatti jirriżulta miċ-ċertifikat allura ma kellux ikun hu li jitressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Għaldaqstant ikun għaqli li wieħed jeżamina t-tifsira li tagħti għal kliem 'Sid' u 'Kaptan' il-L.S. 499.23 li tirrigwarda l-Bastimenti Kummerċjali, fir-Regolament 3.

*"sid" tfisser is-sid reġistrat jew is-sid jew l-operatur ġestjonarju tas-sid reġistrat jew tas-sid jew tas-sid disponenti, jew il-Kaptan tal-bastiment;*

*"Owner" means the registered owner or the owner or the managing operator of the registered owner or owner or disponent owner, or Master of the vessel*

*"Kaptan" tfisser il-Kaptan jew persuna oħra barra l-bdot jew l-għassies, li jkollha l-kmand, kariga jew ġestjoni ta' bastiment f'dak il-waqt'*

*"Master" means the Master or person other than a pilot or watchman, having command, charge or management of a vessel for the time being;*

Illi meta l-Pulizija saqsa għal minhu responsabbli għad-dgħajsa ġie infurmat li kien infatti l-appellant Joseph Buttigieg. Fl-ebda mument ma ġie msemmi li huwa l-bdot anzi ġie ikkonfermat li huwa kien ir-responsabbli għad-dgħajsa.

Illi l-appellant jikkwalifika bħala l-kaptan għax dak il-ħin **kellu l-ġestjoni tal-bastiment f'dak il-waqt**. Fl-assenza tas-sid huwa r-responsabbli u qed jikkwalifika bħala kaptan. Inoltre, jekk kellu l-ġestjoni tal-bastiment u jikkwalifika bħala kaptan, jikkwalifika wkoll

bħala sid skont id-definizzjonijiet mogħtija f'Regolament 3 għax is-sid jista' jkun wkoll il-kaptan tal-bastiment.

Illi fir-rigward tat-tieni aggravju li jikkonċerna l-proċedura li ttieħdet fir-rigward tal-appellant, kien ix-xhud Patrick Pollacco stess li qal li '*kien daħal rapport l-Awtorita' li kien hemm dgħajsa overloading u jiena għaddejta lill-Pulizija*'(Folio 32).

Illi minn kliem l-istess xhud il-Pulizija kienu ġew infurmati mill-Awtorita' biex jieħdu azzjoni. Jekk il-Pulizija meta mar fuq il-post infatti sab li kien hemm vjolazzjoni tar-Regolament, kellu d-dmir li jieħu azzjoni .

Illi in oltre, tajjeb wieħed isemmi lli l-liġi sussidjarja 499.23 msemmija daħlet fis-seħħ fit-8 ta' Ġunju, 2014, ir-reat sar fil-15 ta' Lulju, 2013, deher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u ġiet deċiża l-kawża fit-8 ta' Jannar, 2014 u daħal l-appell fid-9 ta' Jannar, 2014.

Illi skont r-Regolament 68:

*Proċedimenti għal reat kontra dawn ir-regolamenti jittieħdu fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati(Għawdex), skond il-każ, u jimxu skond id - disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem dawk il-qrati bħala qrati ta' ġudikatura kriminali.*

Illi hemm żewġ poċeduri possibli jew titmexxa mill-Pulizija bl-akkużi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jew jieħdu azzjoni l-Awtorita' imma waħda ma teskludix lill-oħra. F'dan il-każ l-appellant inqabad mill-Pulizija jgħabbi iktar passiġieri milli dawk awtorizzati biċ-ċertifikat u għaldaqstant il-proċeduri setgħu jitmexxew.

Għaldaqstant, il-Qorti tichad l-appell ta' Joseph Buttigieg u tikonferma s-sentenza fil-meritu. Dwar il-piena, tilqa l-appell tal-appellant. Thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minflok tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' tlett mitt euro (€300).